MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Avviz Numru. 295/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Lisa Marie Fenech**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li talbet lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef u sbatax-il Euro u centezmu (€3, 017.01) bilanc ghad-debitu fl-*overdraft* account taghha mas-socjeta` attrici (Dok A1 sa A11), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-23 ta' Mejju 2012 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Jannar 2012 (Dok B) u tal-mandat ta' sekwestru li gie prezentat kontestwalment kontra l-konvenuta, li hija minn issa ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2013, il-konvenuta imsejjha tlett darbiet naqset li tidher, ghalkemm debitament notifikata bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef u sbatax-il Euro u centezmu (€3, 017.01), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-23 ta' Mejju 2012 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Jannar 2012 u tal-mandat ta' sekwestru li gie prezentat kontestwalment, kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------